MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 1222/2011

**Lorenzo *sive* Lawrence Saliba**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta’ Diċembru 2011 li permezz tiegħu ġie premess:

1. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrent maħruġ mir-Reġistratur Pubbliku bin-numru: 6006 tas-sena 1957 anness u mmarkat ‘Dok LS 01’ l-isem tiegħu, fil-kolonna *“Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa”* jidher erronjament bħala l-isem ***“Lorenzo”*** minflok ***“Lawrence”***;

2. Illi minn meta twieled ir-rikorrenti dejjem kien magħruf bl-isem ta' "Lawrence" u konsistentement kien imsejjaħ u magħruf bih, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Illi kemm il-ġenituri, familjari u ħbieb tal-istess rikorrent jafuh bl-isem Lawrence, u dan huwa rifless fid-dokumenti uffiċjali kollha tiegħu, u dan kif ser jiġi trattat waqt il-kawża;

4. Illi *nonostante* ċjoe' l-att ta' twelid tar-rikorrenti juri l-isem "Lorenzo";

5. Illi tali inkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrent;

6. Illi r-rikorrenti għandu interess skond il-ligi, *inter alia* *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kap 16 li ssir id-debita korrezzjoni;

7. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti, m'għandhiex, prevja, kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrent huwa konsistentement magħruf huwa "Lawrence" u mhux "Lorenzo";

2. Tordna sabiex jikkoreġi ċ-ċertifikat tat-twelid, anness u mmarkat 'Dok LS 01' minnu maħruġ, bin-numru : Sitta zero zero sitta (6006) tal-1957, fis-sens illi fil-kolonna intestata *"Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* tiġi kkanċellata u sostitwita bl-isem "Lawrence";

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fid-dokumenti pubbliċi fejn jidher isem ir-rikorrent, fis-sens illi kull fejn hemm isem ir-rikorrent huwa ndikat bħala "Lorenzo" jidħol minflok l-isem "Lawrence";

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li huwa nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, preżentata fit-23 ta' Jannar 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea preliminari* jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala Lawrence kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti jrid iressaq <u>xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits</u> ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu *ossia* li tul ħajtu huwa kien konsistentement msejjaħ bħala Lawrence u mhux Lorenzo;

4. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Angelo Saliba, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-6 ta' Frar 2012 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isem l-attur hija evidentement ġustifikata billi l-attur dejjem kienet magħrufa bħala **Lawrence** u mhux **Lorenzo** kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Għalhekk f'dan il-każ jirriżulta żball komprensibbli. Jidher pero' li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk ma għandux ibati spejjeż. It-tielet talba pero' ma tistax tiġi milqugħa għaliex ma hemmx indikazzjoni tal-atti li l-attur irid jitlob korrezzjoni tagħhom.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attriċi kif dedotti, iżda tiċħad it-tielet talba.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------